Numru tar-riferenza tad-Direct Order	Deskrizzjoni	Data tal-Approvazzjoni	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT €
Direct Order Reference Number	*Description*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT €*
36/2022	Condominuim Services	01/09/2022	Admin Condominuim Services	8,292.20
34/2022	Mind the Gap Software Solution Development	29/09/2022	Incredible Web	8,200.00
37/2022	Website Development	17/10/2022	Weebee Ltd	7,000.00
38/2022	IT Services	01/11//2022	Frankie Polidano	5,000.00

KUNSILL LOKALI TAL-PIETÀ

Laqgħa tal-Lokalità

Il-Kunsill Lokali Tal-Pietà jgħarraf li skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa tal-lokalità fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali kif gej:

Tal-Pietà/Gwardamanġa, nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar, 2023, fil-4.45 p.m.

Persuni li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għal din il-lokalità huma mħeġġa jattendu għal din il-laqgħa.

L-24 ta' Frar, 2023

TAL-PIETÀ LOCAL COUNCIL

Locality Meeting

The Tal-Pietà Local Council informs residents that in accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the locality meeting will be held at the offices of the Local Council as follows:

Tal-Pietà/Gwardamanġa, on Friday, 24th February, 2023, at 4.45 p.m.

Those appearing in the Local Councils' Electoral Register are encouraged to attend this meeting.

24th February, 2023

KUNSILL LOKALI L-BELT VALLETTA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Belt Valletta jgħarraf li:

Minn nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023, minn nofsinhar, sat-8.00 p.m. tal-Erbgħa, l-1 ta' Marzu, 2023, se jkun hemm car clearance/ħadd ma jista' jipparkja u kontroll tat-traffiku intermittenti minn Triq il-Lanċa;

Minn nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Marzu, 2023, mit-8.00 a.m. sas-7.00 p.m., car clearance/ħadd ma jista' jipparkja u kontroll tat-traffiku intermittenti minn Triq il-Gendus u Triq l-Għajn;

Minn nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Marzu, 2023, mis-6.00 a.m., sal-Ġimgħa, 3 ta' Marzu, 2023, sal-10.00 p.m.; u mit-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2023, fis-6.00 a.m., sal-Erbgħa, 15 ta' Marzu, 2023, sal-10.00 p.m., car clearance/ħadd ma jista' jipparkja u kontroll tat-traffiku intermittenti mis-Swar ta' Santa Barbara;

Minn nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu, 2023, fis-2.00 p.m., sas-Sibt, 4 ta' Marzu, 2023, fis-7.00 p.m. (parkeġġ tal-OPM)

VALLETTA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Valletta Local Council notifies that:

From Tuesday, 28th February, 2023, from noon, till 8.00 p.m. of Wednesday, 1st March, 2023, there will be car clearance/no parking and intermittent traffic control through Triq il-Lanċa;

On Wednesday, 1st March, 2023, from 8.00 a.m. till 7.00p.m., car clearance/no parking and intermittent traffic control through Triq il-Gendus and Triq l-Għajn;

From Wednesday, 1st March, 2023, from 6.00 a.m., till Friday, 3rd March, 2023, till 10.00 p.m.; and from Tuesday, 14th March, 2023, at 6.00 a.m., till Wednesday, 15th March, 2023, at 10.00 p.m., car clearance/no parking and intermittent traffic control through Santa Barbara Bastions;

From Friday, 3rd March, 2023, at 2.00 p.m., till Saturday, 4th March, 2023, at 7.00 p.m. (OPM parking) car clearance/

car clearance/ħadd ma jista' jipparkja u kontroll tat-traffiku intermittenti minn Triq Papa Piju V;

Minn nhar is-Sibt, 4 ta' Marzu, 2023, mit-8.00 a.m. sal-11.00 p.m., minn Castille Place (barra l-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq);

Minn nhar l-Erbgħa, 8 ta' Marzu, 2023, fis-1.00 p.m., sal-Ħamis, 9 ta' Marzu, 2023, fis-2.00 p.m., car clearance/ħadd ma jista' jipparkja u kontroll tat-traffiku intermittenti minn Triq l-Ifran (kantuniera ma' Triq it-Teatru l-Antik);

Minn nhar il-Ħamis, 9 ta' Marzu, 2023, mit-8.00 a.m. sas-7.00 p.m., minn Castille Place (barra l-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq);

Minn nhar il-Ħamis, 9 ta' Marzu, 2023, mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m., car clearance/ħadd ma jista' jipparkja mir-ring road tal-Funtana tat-Tritoni.

L-24 ta' Jannar, 2023

KUNSILL LOKALI L-KALKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Kalkara jgħarraf li minn nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar, 2023, f'nofsinhar, sat-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023 fit-8.00 p.m., se jkun hemm car clearance u ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Dawret Fra Giovanni Bichi. Nhar l-Erbgħa, 7 u s-Sibt, 11 ta' Marzu, 2023, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m., se jkun hemm car clearance/ħadd ma jista' jipparkja u kontroll tat-traffiku intermittenti fi Triq ix-Xewkija.

L-24 ta' Frar, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li minn nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar, 2023, sal-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2023, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., Triq il-Ġnien se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijiet.

L-24 ta' Frar, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 021-3228/23. Provvista ta' 'Pentostatin (deoxycoformycin) 10mg vials' ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 17 ta' Frar, 2023, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2023.

L-24 ta' Frar, 2023

no parking and intermittent traffic control through Triq Papa Piju V;

From Saturday, 4th March, 2023, from 8.00 a.m. till 11.00 p.m. through Castille Place (outside Upper Barrakka Gardens);

From Wednesday, 8th March, 2023, at 1.00 p.m., till Thursday, 9th March, 2023, at 2.00 p.m., car clearance/no parking and intermittent traffic control through Triq l-Ifran (corner with Triq it-Teatru l-Antik);

From Thursday, 9th March, 2023, from 8.00 a.m. till 7.00 p.m., through Castille Place (outside Upper Barrakka Gardens);

From Thursday, 9th March, 2023, from 4.00 p.m. till 7.00 p.m., car clearance/no parking through Triton Fountain ring road.

24th February, 2023

KALKARA LOCAL COUNCIL

Parking and Traffic Suspension

The Kalkara Local Council notifies that from Monday, 27th February, 2023, at noon, till Tuesday, 28th February, 2023, at 8.00 p.m., there will be car clearance and no parking in Triq Dawret Fra Giovanni Bichi. On Wednesday, 8th and Saturday, 11th March, 2023, from 6.00 a.m. till 6.00 p.m., there will be car clearance/no parking intermittent traffic control in Triq ix-Xewkija.

24th February, 2023

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that from Monday, 27th February, 2023, till Thursday, 27th March, 2023, from 9.30 a.m. till 5.00 p.m., Triq il-Ġnien will be closed to all traffic. Parking of vehicles is not allowed on this day during these times.

24th February, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 021-3228/23. Supply of Pentostatin (deoxycoformycin) 10mg vials, published in the Government Gazette of Friday, 17th February, 2023, will be extended till Tuesday, 14th March, 2023.

24th February, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 27 ta' Frar, 2023.

ERU Ref. ERU2002U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2002U23 – Devices
ERU Ref. ERU2002U23A
ERU Ref. ERU2002U23B

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-24 ta' Frar, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 27 ta' Frar, 2023.

ERU Ref. ERU2102U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2102U23 – Devices
ERU Ref. ERU2102U23A
ERU Ref. ERU2102U23B
ERU Ref. ERU2102U23C
ERU Ref. ERU2102U23D
ERU Ref. ERU2102U23E

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-24 ta' Frar, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

CFT 009-3220/23. Provvista ta' CAT 5e STP Cables

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Frar, 2023, ġie mħassar.

L-24 ta' Frar, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 27th February, 2023.

ERU Ref. ERU2002U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2002U23 – Devices
ERU Ref. ERU2002U23A
ERU Ref. ERU2002U23B

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

24th February, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 27th February, 2023.

ERU Ref. ERU2102U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2102U23 – Devices
ERU Ref. ERU2102U23A
ERU Ref. ERU2102U23B
ERU Ref. ERU2102U23C
ERU Ref. ERU2102U23D
ERU Ref. ERU2102U23E

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

24th February, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

CFT 009-3220/23. Provision of CAT 5e STP Cables

published on the Government Gazette of 17th February, 2023, has been cancelled.

24th February, 2023

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 17 ta' Marzu, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-3256/23. Provvista ta' 'insulin pen needles – 6mm'

CFT 020-3257/23. Provvista ta' 'blood administration sets'

CFT 009-3258/23. Provvista ta' 'LCD room temperature controller'

CFT 020-3259/23. Provvista ta' 'cournand curve electrophysiology diagnostic catheters with attaching cables'

CFT 009-3260/23. Provvista ta' trunking tal-aluminju u aċċessorji għal perjodu ta' sentejn

CFT 009-3261/23. Provvista ta' purtieri tal-isptar li jintremew b'impatt ambjentali ridott għal perjodu ta' sentejn

CFT 020-3262/23. Provvista ta' 'vascular snare kits'

CFT 009-3263/23. Provvista ta' 'portable automated external defibrillators with 3 lead ECG monitoring facility, manual override and feedback mechanism'

CFT 020-3264/23. Provvista ta' 'ostomy items two-piece system 32mm'

CFT 020-3265/23. Provvista ta' 'ELD 96YL filter line, 0.2 micron'

CFT 020-3266/23. Provvista ta' 'disposable cycloprobes'

CFT 021-3267/23. Provvista ta' 'Adenosine 30mg/10ml solution for infusion'

CFT 020-3268/23. Provvista ta' 'single stage venous cannulae, malleable' b'diversi qisien

CFT 021-3269/23. Provvista ta' 'high potency Vitamin B + C preparation (Pabrinex)

CFT 021-3270/23. Provvista ta' 'Potassium Phosphate infusion'

CFT 021-3271/23. Provvista ta' 'Vitamin Emulsion (Infant) for I.V. infusion'

CFT 021-3272/23. Provvista ta' 'multivitamin solution for use in intravenous nutrition – (Soluvit-N)'

CFT 021-3273/23. Provvista ta' 'Zuclopenthixol Decanoate 200mg injections'

CFT 021-3274/23. Provvista ta' 'trace elements concentrate għal infusion for use in neonates, infants and children (Peditrace)'

CFT 021-3275/23. Provvista ta' 'multivitamins for injection or infusion (Cernevit®)'

CFT 021-3276/23. Provvista ta' 'testosterone undecanoate 1000mg ampoule/vial'

CFT 021-3277/23. Provvista ta' '4-factor Prothrombin complex concentrate'

CFT 021-3278/23. Provvista ta' 'Loperamide Hydrochloride 2mg capsules/tablets

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 17th March, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-3256/23. Supply of insulin pen needles – 6mm

CFT 020-3257/23. Supply of blood administration sets

CFT 009-3258/23. Supply of LCD room temperature controller

CFT 020-3259/23. Supply of cournand curve electrophysiology diagnostic catheters with attaching cables

CFT 009-3260/23. Provision of aluminium trunking and accessories for a period of two years

CFT 009-3261/23. Provision of Disposable Hospital Curtains with reduced environmental impact for a period of two years

CFT 020-3262/23. Supply of vascular snare kits

CFT 009-3263/23. Provision of portable automated external defibrillators with 3 lead ECG monitoring facility, manual override and feedback mechanism

CFT 020-3264/23. Supply of ostomy items two-piece system 32mm

CFT 020-3265/23. Supply of ELD 96YL filter line, 0.2 micron

CFT 020-3266/23. Supply of disposable cycloprobes

CFT 021-3267/23. Supply of Adenosine 30mg/10ml solution for infusion

CFT 020-3268/23. Supply of single stage venous cannulae, malleable in various sizes

CFT 021-3269/23. Supply of high potency Vitamin B + C preparation (Pabrinex)

CFT 021-3270/23. Supply of Potassium Phosphate infusion

CFT 021-3271/23. Supply of Vitamin Emulsion (Infant) for I.V. infusion

CFT 021-3272/23. Supply of multivitamin solution for use in intravenous nutrition – (Soluvit-N)

CFT 021-3273/23. Supply of Zuclopenthixol Decanoate 200mg injections

CFT 021-3274/23. Supply of trace elements concentrate for infusion for use in neonates, infants, and children (Peditrace)

CFT 021-3275/23. Supply of multivitamins for injection or infusion (Cernevit®)

CFT 021-3276/23. Supply of testosterone undecanoate 1000mg ampoule/vial

CFT 021-3277/23. Supply of 4-factor Prothrombin complex concentrate

CFT 021-3278/23. Supply of Loperamide Hydrochloride 2mg capsules/tablets

Id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-24 ta' Jannar, 2023

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 2023, għal:

Avviż Nru. KLM2023/01. Sostituzzjoni ta' 'rubber tile flooring' b'sistema ta' 'EPDM in-situ flooring' bl-użu ta' materjali u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjuent fi Ġnien Antoine Randich, Marsaskala.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u tista' tarahom jew tniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Frar, 2023

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2023, permezz tal-ePPS jirċievi offerti, għal:

Avviż Nru. MLC 2/2023. Titjib f'taraġ eżistenti li jifforma parti minn Triq il-Madonna tal-Għar – il-Mellieħa – bl-użu ta' materjali li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

24th January, 2023

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

The Marsaskala Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Marsaskala Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. on Friday, 24th March, 2023, for:

Advt No. KLM2023/01. Replacemnet of rubber tile flooring with EPDM in-situ flooring system using environmentally friendly materials and practices at Ġnien Antoine Randich, Marsaskala.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th February, 2023

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to noon (Central European Time) of Monday, 27th March, 2023, for:

Advt No. MLC 2/2023. Upgrading of existing stairway forming part of Triq il-Madonna tal-Għar – Mellieħa – by the use of environmentally friendly materials.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

L-24 ta' Frar, 2023

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Għarb sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023, għal:

Avviż Nru. GRB03-2023. Xogħlijiet – xogħlijiet tat-toroq fil-lokalità tal-Għarb.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Frar, 2022

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

24th February, 2023

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Għarb Local Council up to 10.00 a.m. on Tuesday, 28th March, 2023, for:


Advt No. GRB03-2023. Works – road works in the locality of Għarb.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th February, 2023



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Offerta parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali



Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Tender part-financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas

KUNSILL LOKALI L-FONTANA

Il-Kunsill Lokali l-Fontana jgħarraf illi:

Offerti elettroniċi jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Fontana sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Marzu, 2023, għal:

Avviż Nru. FLC/01/2023. Xogħlijiet – kostruzzjoni ta' Ċentru Ċiviku ġdid tal-Fontana bl-użu ta' metodi li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

FONTANA LOCAL COUNCIL

The Fontana Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Fontana Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Tuesday, 21st March, 2023, for:

Advt No. FLC/01/2023. Works – the construction of the new Fontana Civic Centre using environmentally friendly methods.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Frar, 2023

KUNSILL LOKALI BORMLA

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf li:

Sal-11.00 a.m. tat-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2023, offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Bormla għal:

Avviż Nru. KLBO01/2023. Servizzi ta' accountant għall-Kunsill Lokali Bormla.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/ imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Frar, 2023

Tender documents are free of charge and are to be viewed/ downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th February, 2023

BORMLA LOCAL COUNCIL

The Bormla Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Bormla Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Monday, 27th March, 2023, for:

Advt No. KLBO01/2023. Services of an accountant to the Bormla Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/ downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th February, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

452

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 663/2014/2GMG, li ġie ppreżentat fit-30 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet: Tanti Sylvana vs Tanti Noel et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tappunta lill-Avukat Dott. Daniel Attard u l-Prokuratriċi Legali Nicholette Aquilina bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Noel Tanti assenti f'dawn il-proċeduri u f'kull att ieħor relattiv.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Frar, 2023, fl-10.30 a.m.

By decree issuedby the Civil Court, First Hall, on 14th June, 2022, in the acts of Sworn Application No. 663/2014/2GMG, which was presented on 30th March, 2022, in the names: Tanti Sylvana vs Tanti Noel et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Appoint Lawyer Dr Daniel Attard and Legal Procurator Nicholette Aquilina as deputy curators to represent the unknown heirs of Noel Tanti absent in these proceedings and in every other relative act.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned to 28th February, 2023, at 10.30 a.m.

Notifika Intimat: Tanti Noel, 37, Triq Spinola, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification Respondent: Tanti Noel, 37, Triq Spinola, St Julian's

Register of the Superior Courts, today 22nd February, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCEDURE. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

453

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar, 2022, fuq talba ta' Alfred Muscat et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tal-konċedenti oriġinali Joseph Bartolo u ta' Maria armla ta' Andrea Bartolo fl-atti taċ-ċedola numru 247/2022 fl-ismijiet Alfred Muscat et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Alfred Muscat, iben Carmel u Carmela née Deguara, imwieled in-Naxxar fis-6 ta' Ottubru, 1940, u residenti numru 3, Chesambois, Triq Frederick Borg, L-Iklin (KI 0673540M), u n-Nutar Dott. Robert John Muscat, iben Alfred Muscat u Katarina sive Catherine Muscat née Cutajar, imwieled Tal-Pietà fl-1 ta' Ġunju, 1970, u residenti numru 11, Triq is-Simblija, In-Naxxar (KI 0233470M) vs Anne sive Anna Vassallo, bint Giovanni Galea u Maria née McNerney, imwielda l-Furjana fit-12 ta' April, 1935, u residenti 24, Casa Salina, Triq Antonio Nani, Ta' Xbiex (KI 0310735M) f'isimha proprju u għall-eredità ta' żewġha Joseph Vassallo, iben Thomas u Antonia née Manzoni, imwieled il-Belt Vallettafid-9 ta' Jannar 1930 u kien residenti ta' Xbiex (KI 0034430M); Anthony Zammit, iben Carmel u Antonia née Paris, imwieled il-Belt Valletta fit-30 ta' Ottubru, 1947, u residenti 154, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan (KI 0970347M) u martu Mary Louisa Zammit, bint Gerald Vella u Josephine née Camilleri, imwielda Birkirkara fit-23 ta' Awwissu, 1951, u residenti Ħal Balzan (KI 0686251M); kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tas-subkonċedent Vincent Debono, iben Emmanuele u Susanne née Abela, imwieled ir-Rabat, Għawdex, u kien residenti Ħal Balzan, dettalji oħra mhux magħrufa; kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tal-konċedenti oriġinali Joseph Bartolo, iben Andrea Bartolo u Maria née Grech, imwieled u kien residenti n-Naxxar u ta' Maria armla ta' Andrea Bartolo, bint Francesco Grech u Caterina née Fenech, dettalji oħra mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-8 ta' Frar,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 11th February, 2022, following a request by Alfred Muscat et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of the original assignée Joseph Bartolo and of Maria widow of Andrea Bartolo in the acts of the schedule of deposit number 247/2022 in the names Alfred Muscat et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent number 247/2022 in the names of Alfred Muscat, son of Carmel and Carmela née Deguara, born in Naxxar on the 6th October, 1940, and residing at number 34, Chesambois, Triq Frederick Borg, Iklin (ID 0673540M), and Notary Doctor Robert John Muscat, son of Alfred Muscat and Katarina sive Catherine Muscat née Cutajar, born in Tal-Pietà on the 1st June, 1970, and residing at 11, Triq is-Simblija, Naxxar (ID 0233470M) vs Anne sive Anna Vassallo, daughter of Giovanni Galea and Maria née McNerney, born in Floriana on the 12th April, 1935, and residing at 24, Casa Salina, Triq Antonio Nani, Ta' Xbiex (ID 0310735M) in her own name and for and on behalf of the estate of her husband Joseph Vassallo, son of Thomas and Antonia née Manzoni, born in Valletta on the 9th January, 1930, and resided in Ta' Xbiex (ID 0034430M); Anthony Zammit, son of Carmel and Antonia née Paris, born in Valletta on the 30th October, 1947, and residing at 154, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan (ID 0970347M) and his wife Mary Louisa Zammit, daughter of Gerald Vella and Josephine née Camilleri, born in Birkirkara on the 23rd August, 1951, and residing in Ħal Balzan (ID 0686251M); deputy curators to represent the unknown heirs of the sub-assignee Vincent Debono, son of Emmanuele and Susanne née Abela, born in Victoria, Gozo, and resided in Ħal Balzan, other details are unknown; deputy curators to represent the unknown heirs of the original assignee Joseph Bartolo, son of Andrea Bartolo and Maria née Grech, born and resided in Naxxar and of Maria widow of Andrea Bartolo, daughter of Francesco Grech and Caterina née Fenech, other details

2022, fejn Alfred Muscat (KI 0673540M) u n-Nutar Dott. Robert John Muscat (KI 0233470M) esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt tat-2 ta' Lulju, 1972, fl-atti tan-Nutar Dott. George Bonello du Puis, Alfred Muscat waqt iż-żwieġ tiegħu ma' Catherine Muscat née Cutajar, akkwista mingħand Joseph Vassallo, is-semi detached villa bl-isem Chesambois, mingħajr numru fi triq ġdida proġettata mingħajr isem li tiżbokka f'Iklin Road, Ħal Lija, liema villa nbniet fuq porzjon ta' art tal-kejl ta' ċirka mitt (100) qasba kwadra ekwivalenti għal 439.77m² konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Camilleri, mill-Grigal mat-Triq u mill-Majjistral ma' beni tas-suċċessuri ta' ċertu Paolo, suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm50 ekwivalenti għal €116.47 li minnhom Lm30 ekwivalenti għal €69.88 huma rata ta' ċens oriġinali filwaqt illi Lm20 ekwivalenti għal €46.59 huma awment ta' ċens imposti minn Joseph Vassallo permezz tal-istess att. Kopja ta' dan l-att annessa u mmarkata dokument ittra A. Site plan annessa u mmarkata dokument SP;

Illi llum l-indirizz tal-proprjetà hawn fuq deskritta huwa numru 3, Chesambois, Triq Frederick Borg, L-Iklin

Illi Catherine Muscat mietet fl-21 ta' Awwissu, 2018, u permezz tal-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt tas-26 ta' Novembru, 1966, hija ħalliet lil żewġha Alfredo l-użufrutt ġenerali tal-assi tagħha kollha u ħalliet lill-uniku iben tagħha Robert John Muscat eredi universali tagħha. Kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis ta' Catherine Muscat qed tiġi annessa u mmarkata dokument ittra B;

Illi permezz tal-kuntratt tas-17 ta' Awwissu, 1966, fl-atti tan-Nutar Dott. George Bonello du Puis l-imsemmi Joseph Vassallo kien akkwista b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa mingħand Carmelo Zammit il-porzjon ta' art formanti parti mill-għalqa Tal-Iklin imsejħa wkoll Ta' Gorgi fil-limit tan-Naxxar tal-kejl ta' ċirka 403 qasab kwadri ekwivalenti għal 1,772.28m² konfinanti min-Nofsinhar ma' ġid tal-eredi ta' Carmelo Camilleri mill-Majjistral ma' ġid ta' ċertu Paolo u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku u bis-subċens annwu u perpetwu ta' Lm100 ekwivalenti għal €232.94. Kopja ta' dan l-att annessa u mmarkata dokument ittra C;

Daparti tiegħu l-imsemmi Carmelo Zammit kien akkwista l-istess art kif deskritta fil-paragrafu preċedenti mingħand Vincent Debono b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa permezz tal-kuntratt tat-18 ta' April, 1966, fl-atti tan-Nutar Joseph Agius, bis-subċens ta' Lm37 ekwivalenti għal €86.19. Kopja ta' dan l-att annessa u mmarkata dokument ittra D;

Illi oriġinarjament l-imsemmi Vincent Debono kien akkwista l-istess art b'titolu ta' enfitewsi perpetwa mingħand

are unknown filed in the First Hall of the Civil Court on the 8th February, 2022, the applicants Alfred Muscat (ID 0673540M) and Notary Doctor Robert John Muscat (ID 0233470M) respectfully submitted:

By means of a contract of the 2nd July, 1972, in the records of Notary Doctor George Bonello du Puis, Alfred Muscat during his marriage with Catherine Muscat née Cutajar, acquired from Joseph Vassallo, the semi detached villa with the name Chesambois, without number, in a new road projected without name that abuts in Iklin Road, Ħal Lija, which villa was built on a portion measuring about 100 square canes equivalent to 439.77m² bounded from the south with the estate of Carmelo Camilleri, from the north-east with the road and from the north-west with the successors of a certain Paolo, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm50 equivalent to €116.47, out of which Lm30 equivalent to €69.88 represent the rate of the original groundrent whilst the other Lm20 equivalent to €46.59 represents an increase in groundrent imposed by Joseph Vassallo by means of the same deed. Copy of this deed is attached and marked as document A. Site plan attached and marked as document SP;

Today the address of the property above described is number 3, Chesambois, Triq Frederick Borg, Iklin

That Catherine Muscat died on the 21st August, 2018, and by means of the last will in the records of Notary Anthony Gatt of the 26th November, 1966, she left her husband the general usufruct of all her assets and left her only son Robert John Muscat as her universal heir. Copy of the declaration causa mortis of Catherine Muscat is being here attached and marked as document B;

That by means of a contract of the 17th August, 1966, in the records of Notary Doctor George Bonello du Puis, the said Joseph Vassallo acquired by title of perpetual sub emphyteusis from Carmelo Zammit the portion of land forming part of the field Tal-Iklin, called also Ta' Gorgi in the limits of Naxxar measuring about 403 square canes equivalent to 1,772.28m² bounded from the south with the estate of the heirs of Carmelo Camilleri from the north-west with the estate of a certain Paolo and from the north-east with a public passage and with the annual and perpetual subgroundrent of Lm100 equivalent to €232.94. Copy of this act is attached and marked as document C;

On his part, the said Carmelo Zammit acquired the same land as described in the previous paragraph from Vincent Debono by title of perpetual sub-emphyteusis by means of a contract of the 18th April 1966 in the records of Notary Joseph Agius, with the subgroundrent of Lm37 equivalent to €86.19. Copy of this deed is attached and marked as document D;

That the said Vincent Debono originally acquired the same land by title of perpetual emphyteusis from Joseph

Joseph Bartolo u ommu Maria armla ta' Andrea Bartolo permezz ta' kuntratt tal-1 ta' Diċembru, 1962, fl-atti tan-Nutar Dott. Francis Micallef biċ-ċens annwu u perpetwu ta' xelin u nofs ġja seba' ċentezmi u ħames milleżmi Maltin (Lm0.07c5) ekwivalenti għal €0.17 kull qasba kwadra. Kopja ta' dan l-att annessa u mmarkata dokument ittra E;

Illi ċ-ċens oriġinali dovut lill-konċedent oriġinali Bartolo fuq il-porzjon ta' art tal-kejl ta' ċirka mitt (100) qasba kwadra huwa l-ammont ta' seba' liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm7.50) ekwivalenti għal €17.47;

Illi s-subċens dovut lis-subkonċedent Vincent Debono fl-istess porzjon ta' art huwa l-ammont ta' Lm1.68 ekwivalenti għal €3.91;

Illi s-subċens dovut lis-subkonċedent Carmelo Zammit fl-istess porzjon ta' art huwa l-ammont ta' Lm15.63 ekwivalenti għal €36.41;

Illi l-esponenti ma jafux min huma l-eredi jew is-suċċessuri fit-titolu tal-konċedent oriġinali Joseph Bartolo u Maria armla ta' Andrea Bartolo u tas-subkonċedent Vincent Debono u għalhekk dan iċ-ċens u subċens mhux qed jitħallas;

Illi kontestwalment ma' din iċ-ċedola ta' depożitu l-esponenti qed jippreżentaw rikors għal ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-eredi mhux magħrufa tal-konċedent oriġinali Joseph Bartolo u Maria armla ta' Andrea Bartolo u tas-subkonċedent Vincent Debono;

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tixtieq tħallas l-import ta' ħames (5) snin ċens u subċens ċjoè s-somom ta':

i. €87.35 lill-eredi jew suċċessuri fit-titolu tal-konċedenti oriġinali Bartolo,

ii. €19.55 lill-eredi jew suċċessuri fit-titolu tas-subkonċedent Vincent Debono;

Illi fit-tieni lok l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dritt konċess lilhom ai termini tal-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu ċ-ċens, is-subċnus u l-awment ta' ċens annwi u perpetwi hawn fuq deskritti;

Illi ċ-ċens oriġinali ta' €17.47 ikkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €349.40;

Illi s-subċens ta' €3.91 ikkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €78.20;

Illi s-subċens ta' €36.41 ikkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €728.20;

Bartolo and his mother Maria widow of Andrea Bartolo by means of a contract of the 1st December 1962 in the records of Notary Doctor Francis Micallef at the annual and perpetual groundrent of a shilling and a half previously seven cents five mills (Lm0.07,5) equivalent to €0.17 per square cane. Copy of the said deed is attached and marked as Document E;

Tha the original groundrent due to the original grantor Bartolo on the portion of land of measurement of 100 square canes is the amount of Lm7.50 equivalent to €17.47;

That the subgroundrent due to the sub-grantor Vincent Debono in the same portion of land is in the amount of Lm1.68 equivalent to €3.91;

That the sub-groundrent due to the sub-grantor Carmelo Zammit in the same portion of land is in the amount of Lm15.63 equivalent to €36.41;

That the applicant does not know who the heirs or successors in title of the original assignée Joseph Bartolo and Maria widow of Andrea Bartolo and the sub-grantor Vincent Debono and thus the groundrent and subgroundrent is not being paid;

That concurrent with this schedule of deposit the applicants are filing an application for the nomination of deputy curators to represent the interest of the unknown heirs of the original grantor Joseph Bartolo and Maria widower of Andrea Bartolo and of the sub grantor Vincent Debono;

Firstly, the applicants wish to pay the equivalent of 5 years groundrent and sub groundrent of:

i. €87.36 to the heirs or the successors in title of the orginal grantor Bartolo,

ii. €19.55 to the heirs or the successors in title of the sub grantor Vincent Debono;

Secondly, the applicants wish to avail themselves of the option given to them in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the annual and perpetual groundrents, subgroundrents and increase in the annual and perpetual groundrent above mentioned;

That the original groundrent of €17.47 capitalised at the rate of 5% amounts to €349.40.

That the sub-groundrent of €3.91 capitalised at the rate of 5% amounts to €78.20;

That the sub-groundrent of €36.41 capitalised at the rate of 5% amounts to €728.20;

Illi l-awment ta' ċens fl-ammont ta' €46.59 ikkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €931.80.

Għaldaqstant, l-esponenti tadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma globali ta' €2,298.88 li tikkonsisti fis-segwenti somom:

i. €106.90 bħala arretrati taċ-ċens,

ii. €104.38 bħala drittijiet tal-laudemium, u

iii. €2,087.60 bħala valur kapitali relattiv.

Din is-somma globali għandha tiġi liberament żbankata wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi, kwantu għal:

i. €454.22 mill-eredi jew suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Joseph Bartolo u ommu Maria armla ta' Andrea Bartolo,

ii. €101.66 mill-eredi jew suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Vincent Debono,

iii. €764.61 minn Anthony u Mary Louisa Zammit,

iv. €978.39 minn Anna Vassallo.

Esponenti: Alfred Muscat 3, Chesambois, Triq Frederick Borg, L-Iklin
Robert John Muscat, 11, Triq is-Simblija, In-Naxxar

Notifika: 1. Anthony u Mary Louisa Zammit, 154, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan
2. Anna Vassallo, 24, Casa Salina, Triq Antonio Nani, Ta' Xbiex
3. Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi jew suċċessuri ta' Vincent Debono
4. Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi jew suċċessuri ta' Joseph Bartolo u ommu Maria Bartolo
5. Direttur Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
6. Direttur tal-Artijiet, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

That the increase in the groundrent in the amount of €46.59 capitalised at the rate of 5% amounts to €931.80.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the total amount of €2,298.88 representing as for:

i. €106.90 as groundrent arrears,

ii. €104.38 as laudemium, and

iii. €2,087.60 as value of the relative capital.

This global amount has to be freely withdrawn after leaving the relative receipt according to law; as for:

i. €454.22 by the unknown heirs or successors of Joseph Bartolo and his mother Maria widow of Andrea Bartolo; andin title Doctor Karen Mary Devey,

ii. €101.66 from the unknown heirs or the successors in title of Vincent Debono,

iii. €764.61 by Anthony and Mary Louisa Zammit,

iv. €978.39 by Anna Vassallo.

Applicants: Alfred Muscat 3, Chesambois, Triq Frederick Borg, Iklin
Robert John Muscat, 11, Triq is-Simblija, Naxxar

Notification: 1. Anthony and Mary Louisa Zammit, 154, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan
2. Anna Vassallo, 24, Casa Salina, Triq Antonio Nani, Ta' Xbiex
3. Deputy Curators to represent the heirs or the successors in title of Vincent Debono
4. Deputy Curators to represent the heirs of the successors in title of Joseph Bartolo and his mother Maria Bartolo
5. Director Public Registry, Valletta
6. Director of Lands, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Neville Camilleri, BA, LLD, MA (Fin. Serv.), Duttur tal-Liġi.

Illum 11 ta' Frar, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Neville Camilleri, BA, LLD, MA (Fin. Serv.), Doctor of Laws.

Today 11th February, 2022

Registry of the Superior Courts, today 17th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

454

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Awwissu, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5087/2021, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Dimex Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Dimex Limited a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 29 ta' Novembru, 2021

Lil Dimex Limited (C45577) ta' Tower Gate Place, Triq tal-Qroqq, L-Imsida

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak, ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €1,347,722.73 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' Frar, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 31st August, 2022, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 5087/2021, in the names, Commissioner for Revenue vs Dimex Limited, the following publication for the purpose of service on the respondent company Dimex Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 29th November, 2021

To Dimex Limited (C 45577) of Tower Gate Place, Triq tal-Qroqq, Msida

By the present, the Commissioner for Revenue of Centre Point Building, Block 6, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €1,347,722.72 representing the amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellant informs you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed

Registry of the Superior Courts today 17th February, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

455

B'digriet tal-15 ta' Frar, 2023, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat mil-Kummissarju tat-Taxxi fl-01 ta' Diċembru, 2022, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' sittax-il elf seba' mija u erbatax-il ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€16,714.53) iddepożitati permezz ta' ċedola numru 2222/2022 fl-ismijiet:

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs George Incorvaja (KI 244056M) pro noe wara mandat ta' Sekwestru numru 1062/2006;

Il-Kummissarju tat-Taxxi vs George Incorvaja (KI 244056M) pro noe wara mandat ta' Sekwestru numru 1127/2019.

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b'għaxart (10) ijiem għat-tweġiba.

Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), illum it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 15th February, 2023, given by the First Hall of the Civil Courts, ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Commissioner for Revenue on the 1st of December, 2022, is asking for the withdrawal of the amount of sixteen thousand and seven hundred fourteen euro and fifty three cent (€16,714.53) deposited by the Schedule of Deposit number 2222/2022 in the names of:

Commissioner for Revenue vs George Incorvaja (ID 244056M) pro noe after a Garnishee Order number 1062/2006;

Commissioner for Revenue vs George Incorvaja (ID 244056M) pro noe after a Garnishee Order number 1127/2019.

The Court ordered the notification to the counter party with ten (10) days to reply.

Registry of the Civil Court First Hall (Malta), today Monday, 20th February, 2023

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

456

ARB/C022/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 197/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ALBERT BUTTIGIEG, penzjonant, ta' 71 sena, iben il-mejtin John Anthony u Joan xebba Giordano, imwieled Ħal Qormi, Malta, fis-26 ta' Diċembru, 1951, u residenti ġewwa 18, Twenty-Two, Triq is-Sagħtar, Is-Swieqi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 33252M.

U

ARB/C022/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th December, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 197/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

